MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru. 683/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**MICHAEL ZAHRA ta' 39 sena, iben Alfred u Mary nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22.09.1971, residenti fil-fond numru 41, Triq il-Kampnar, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 440071M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MICHAEL ZAHRA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-15 ta' Gunju, 2000 ghall-habta ta' xi l-6.45pm, bil-Belt Valletta, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa, ikkommetta serq ta' CD player tal-marka

Pioneer minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAT 263 ghad-dannu ta' Vincent Farrugia mill-Mosta u ta' radio cassette tal-marka Pioneer ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn Lm100.00 u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwsitati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-31 ta' Mejju 1999 (Mag Dr T Micallef Trigona LL.D.);

4. U aktar talli b'hekk sar jitqies recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-31 ta' Ottubru, 1999 (Mag Dr Antonio Mizzi LL.D); u fil-15 ta' Settembru, 1999 moghtija mill-Qorti tal-Appell.

Xehed senjalament sid il-vettura derubata, certu Kevin Vassallo, qal li kien il-Belt hdejn is-Swinger, City Gate. Ra persuna diehel fejn kien ipparkja l-karozza tieghu, dan kellu stereo f'idu. Dan l-stereo kien mghotti b'bicca drapp. Dak il-hin x'hin din il-persuna kienet niezla t-tarag, terza persuna avvicinat ix-xhud u qaltlu li kienu serqulu l-stereo mill-karozza. Qal illi nizel wara din il-persuna li marret lejn Bieb il-Belt, mentri hu mar l-Ghassa. Rega' tela' mal-pulizija u hemm hdejn Bieb il-Belt gharaf lil din il-persuna li kien ra, li pero ma kellhiex l-stereo f'idejha. Gharaf 99% lill-imputat – dan ghaliex qal illi dakinhar ta' l-incident kellu xagharu itwal. Ikkonferma li verament mill-vettura tieghu kien insteraqlu stereo, aktarx Pioneer li gie sostitwit b'iehor ghall-prezz ta' Lm200.00.

Vincent Farrugia, sid il-vettura HAT 285 spjega li din il-vettura kien juzaha impjegat tieghu, certu Kevin Vassallo.

Ma kienx f'posizzjoni jghid kemm kien inxtara l-stereo misruq.

Alfred Azzopardi xehed illi hu kien xtara stereo minghand l-imputat, dan waqt li hu kien qed jopera l-gabbana ta' Bieb il-Belt. Spjega li minghand Michael (l-imputat), huwa dakinhar xtara zewg stereos tal-karozza verso l-prezz ta' Lm40.00 – Lm60.00. Spjega li fil-fatt meta xtara dawn l-stereos, ma' l-imputat kien hemm persuna ohra.

Gew ezebiti wkoll diversi sentenzi in prova li l-imputat huwa recidiv. Id-Difiza fil-fatt ezentat f'dan ir-rigward lill-Prosekuzzjoni milli ttella' prova ta' l-identita' tar-recidiva.

Rat ukoll li f'Novembru tas-sena 2005 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Rat ukoll ix-xhieda ta' Dr John Zammit Montebello. Spjega li kien jaf lill-imputat bhala Direttur tas-SATU mill-11 ta' Ottubru, 2007 sal-24 ta' April, 2009, u f'dan il-perjodu kien ghamel programm, u anke li fl-ahhar sitt xhur kien hareg anke fuq work release. Xehed pero li ma kienx baqa' in kuntatt mas-Servizz. Mistoqsi kif allura kien sejjer l-imputat, spjega li ma kienx jaf.

Ghajr ghal dan ix-xhud id-Difiza ma tellghet ebda xhieda ohra nonostante t-trapass taz-zmien li kellha biex taghmel dan.

Din il-Qorti tqis illi Michael Zahra huwa hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, dan wara li rat l-Artikoli 261, 271, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma tqisx pruvata l-ksur ta' sentenza sospiza in kwantu mhux ezebita, lanqas ma gie pruvat l-aggravju tal-valur in kwantu ghax-xhieda ta' Vincent Farrugia.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena. Saret enfasi kbira lil din il-Qorti tal-progress li ghamel l-imputat f'dawn l-ahhar snin, u ghalhekk ma kellhiex tapplika piena karcerarja effettiva. Frankament dan il-progress fil-verita' qatt ma gie pruvat lilha. Ix-xhieda ta' Dr John Zammit Montebello twassal biss lil din il-Qorti biex tifhem li l-imputat kien fi hdan is-SATU u kellu xi grad ta' success,

dan sas-sena 2009. Ma ngabet ebda prova ulterjuri dwar dan, lanqas prova ta’ xi impjieg jew stharrig ghal dan biex b’hekk il-Qorti jkollha serhan ta’ late progress. Oltre dan, it-trapass taz-zmien huwa biss fil-maggor parti da parte ta’ l-imputat u ghalhekk ma jistax issa jipprova jiehu vantagg mill-istess.

Ghaldaqstant, anke wara li rat il-fedina penali tieghu, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ ghaxar(10)  xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------